MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 238/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Philip Patrick Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm264.10) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99464471.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u sittin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm264.10), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------